MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 128/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja ta’ Marzu tas-sena elf disa mija u sitta u tmenin (kopja tac-cerrtifikat taz-zwieg annessa u mmarkata bhala Dokument “EM1”) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li illum huma t-tnejn maggorenni tant li l-kbira fosthom X ghalqet it-tlieta u ghoxrin sena u l-izghar Y ghalqet id-dsatax-il sena u ghadhom jistudjaw;

Illi permezz ta’ kuntratt datat dsatax ta’ Novembru tas-sena elfejn u sebgha fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, sehhet il-firda personali bejn il-partijiet u giet itterminata u illikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet (Kopja legali annessa u mmarkata Dokument ‘EM2’);

Illi l-esponent jkompli jhallas kull manteniment dovut minnu skond il-ligi u skond il-kuntratt ta’ separazzjoni fuq imsemmi sakemm tali manteniment jibqa’ hekk dovut;

Illi l-avukat ta’ l-esponenti ddiskuta il-possibilita ta’ rikonciljazzjoni u forna l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin. Madanakollu m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghaddew ‘l fuq minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata stante li r-rikorrent dejjem hallas puntwalment dak dovut minnu skond il-kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq indikat;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata li *in forza* taghha hija eccepiet:-

(1) Illi hija ma ssibx oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju tar-rikorrenti sakemm il-proceduri ta' l-Artikolu 66(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigu adempiti fis-sens illi l-manteniment dovut lilha u lil uliedha jigu zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli skond ic-cirkostanzi, liema garanzija m'ghandhiex teccedi ammont ta' manteniment ghal hames snin u dan stante li r-rikorrenti kien adempjenti fl-obbligu tieghu tal-awmenti fil-hlas tal-manteniment a tenur tal-Artikolu (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni tad-19 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri hemm anness u mmarkat bhala dokument EM2 fil-process.

(2) Illi ai termini ta' l-istess kuntratt, ir-rikorrenti kellu jaghti awment fil-hlas ta' manteniment kull sentejn skond il-'cost of living' ippubblikat mill-Gvern ta' Malta.

(3) Illi dan l-awment tal-manteniment qatt ma gie moghti mir-rikorrenti lill-intimata, liema awmenti sa Mejju 2013 jammontaw ghal EURO 3,430.72c hawn anness u mmarkat bhala Dok. AMP1.

(4) Illi f'kaz illi l-manteniment fil-gimgha jibda jithallas minn Mejju 2013 bir-rata ta' EURO 399.61c fil-gimgha ammontanti ghal EURO 1,731.51c.

(5) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Rat il-verbal tas-seduta tallum illi permezz tieghu rat illi l-avukat difensur tal-intimata irtira it-talba ghal garanzija;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-intimata fis-sens illi l-arretrati tal-manteniment thallsu kollha mir-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Novembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi ghal dak illi jirrigwarda manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------